# KNISJA KATIDRALI GHAWDEX

**Uffiċċju Parrokkjali: Tel: 2155 4101 • fax 2156 4572 • Email: info@gozocathedral.org.mt • www.gozocathedral.org.mt**

**Ħinijiet: Filgħodu**: l-Erbgħa u l-Ġimgħa: Mit-8:30am - 10:30am, **Filgħaxija:** Mit-Tnejn sal-Ġimgħa: Mill-5:00pm - 7:00pm Knisja 21 556087

Arċ Mons. Ġ Attard 9984 7099/21566988(Dar) • monsjosephattard@gmail.com • Fr.Joe Calleja 9944 7718 • Fr. Michael Galea 79210250 -Librerija 21560479




## MONS ISQOF EMERITUS
## NIKOL G. CAUCHI
## IS-SEBA' ISQOF TAD-DJOĊESI TA' GĦAWDEX

**Nikol Ġużeppi Cauchi** twieled il-Għarb, **2 ta' Marzu, 1929**. Hu studja fl-iskola primarja tal-Għarb; fil-Liċeo, ir-Rabat; u fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù, Għawdex. Nhar id-**29 ta' Marzu 1952**, l-Isqof Ġużeppi Pace ordnah qassis fil- Katidral.

Hu kompla l-istudji tiegħu fl-Università Pontifiċja Gregorjana, Ruma, minn fejn akkwista l-Baċċelerat, il-Liċenzjat, u d-Dottorat fil-Filosofija (Ph.D.).

Nhar it-3 ta' Mejju, 1956, l-Isqof Pace ħatru kappillan tal-Fontana. Kien jgħallem it-Taljan, l-Filosofija u s-Soċjoloġija fis-Seminarju. Okkupa diversi karigi oħra: Assistent Ekkleżjastiku Ġenerali tal-Azzjoni Kattolika; Viċi-President tal-Ġunta Djoċesana; l-ewwel *moral advisor* tal-Moviment ta' Kana f'Għawdex; wieħed mill-fundaturi u direttur spiritwali tal-Għaqda Ġurnalisti Għawdxin; Waqqaf il-Moviment Azzjoni Soċjali, f'Għawdex , u oħrajn

Nhar it-22 ta' Marzu, inħatar amministratur appostoliku, u ikkonsagrat Isqof fid-**9 ta' April 1967**. Il-Papa Pawlu VI ħatru bħala s-sebgħa Isqof ta' Għawdex nhar l-**20 ta' Lulju, 1972**. Għamel l-ingress solenni fil-Katidral tal-Assunta nhar il-10 ta' Settembru.

Mhux possibli li ssemmi anki fil-qosor il-ħidma episkopali tul 38 sena, in-numru kbir ta' riformi li twettqu fil-ħajja djoċesana, u l-ġid kbir li sar matul l-episkopat tal-Isqof Cauchi. Iżda min irid ikun sinċier ma jistax ma jammettix li l-Isqof Cauchi ħadem bis-sħiħ, iddedika ħajtu, l-enerġiji, u t-talenti sbieħ tiegħu għas-servizz tad-djoċesi Għawdxija.

Hemm ħafna oqsma fil-ħajja tal-Knisja f'Għawdex li għandhom il-marka tal-Isqof Cauchi. Uħud jafu l-eżistenza tagħhom mill-bidunett lilu, waqt li oħrajn ħa ħsiebhom bħal bidwi għaqli li mhux biss iħawwel il-ġdid iżda jikkura wkoll dak li jkun diġà mħawwel minn ħaddieħor. Għad jgħaddu s-snin… imma ħafna għad ikunu dawk li jibqgħu jiftakru b'imħabba lill-Isqof Cauchi u jibqgħu japprezzaw il-wirt li ħalla lid-djoċesi. Kien Isqof li ħabb il-Katidral.

Il-Ħadd, **15 ta' Jannar, 2006**, l-Isqof Nikol Cauchi temm il-mandat tiegħu bħala l-Isqof Djoċesan. Il-ħidma tal-Isqof Emeritus Nikol Cauchi ma ntemmitx dakinhar. Bil-kitba, bl-omeliji fil-quddies , specjalment li kien għadu jgħamel sa ftit xhur ilu fil parroċċa taghna, u bil-programmi tiegħu fuq ir-radju, bit-tagħlim tal-Filosofija fis-Seminarju, hu kompla jagħti l-kontribut siewi tiegħu lid-djoċesi.

L-isqof Nikol Cauchi miet fl-isptar *Mater Dei* nhar **15 ta' Novembru 2010.** Il-Funeral ġie iċċelebrat nhar is-17 ta' Novembru fil Katidral taghna

## QBIZNA L-€ 20,000,
## GĦINNA NIRDUPPJAWHOM... !

**QUDDIESA PARROKJALI GHALL-PARRUĊĊANI MEJTIN FIĊ-ĊIMIETERJU TA' SANTA MARIJA**

Nhar it-Tlieta, 23 ta'Novembru ,fil-4.00 pm.

Għal min irid hemm xarabank fl-3:45 minn pjazza Savina

## THABBIRA TAL-AVVENT

**Hamis 25 ta' Novembru (bejn is-6.30pm -7.15pm.)**

***Dun Nazju Borg*:** Responsabili:Komissjoni Litrugika Djoċesana

***Mistiedna*:** Kullhadd...Komunità Parrokjali.

Mistiedna Speċjali: l-operaturi Pastorali (letturi, Kor,Animaturi, Katekist, etc )

| | |
|---|---|
| **21.11.10** | 4.45am Grezzja Mifsud 5.45m Marija u Cikku Said 6.45am Anthony Grech 7.45am Tereza u Carmelo Borg, 10.30am Pawlu u Guza Cauchi, 12.00pm Saver Dimech 5.00pm Fam Scicluna/Spiteri 6.00pm Marija Attard 7.15pm Kelinu u Censa Micallef |
| **22.11.10** | 5.30am**,** 6.15am**,** 7.30am Guzeppina Attard, 8.00am Marija, Carmelo u Anton Mifsud 6.00pm Frankie u Mikelina Zammit 7.15pm Gigi Azzopardi |
| **23.11.10** | 5.30am 6.15am ,7.30am M'Dolores Buttigieg u Francis Buhagiar, 8.00am Felix Grech 6.00pm Tereza Borg 7.15pm Francesca, John u Joe Tabone |
| **24.11.10** | 5.30am M'Jane Cordina, 6.15am Peter Paul u M'Gwann Portelli 7.30am Edmond Bugeja 8.00am Michael Debrincat 6.00pm Joseph u Toni Vella Muskat, 7.15pm Carmelo Buttigieg. |
| **25.11.10** | 5.30am Joseph u Antonia Sultana 6.15am Dr Michael Grech 7.30am Gina Portelli 8.00am Dr Michael Grech 6.00pm Pietru Pawl Camilleri 7.15pm Carmela Bajada. |
| **26.11.10** | 5.30am Wigi Mercieca , 6.15am Simon Camilleri 7.30am Gina Portelli 8.00am M'Antonia Caruana , 6.00pm Karlu u Marija Vella 7.15pm Toni, Gerardu, Gorga u Beninja Attard , |
| **27.11.10** | 5.30am 6.15am 7.30am 8.00am Saver u Pawlina Micallef 6.00pm Joseph Grech 7.15pm M'Dolores Buttigieg u Frances Buhagiar |